MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Numru. 66/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Saviour Tabone bin Grezzju u Angolina nee' Vella, imwieled fit-08 ta' Mejju 1952 u Bougainvillea, Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' 35852(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Saviour Tabone akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda qabel t-13 ta' Lulju 2005 bhala sid

tal-fond Poultry Farm, Triq ix-Xaghri, Kercem, Ghawdex u bhala persuna li fuqek huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqi li bihom seta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta' iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker, ikkometta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara tammonta ghal lira maltita (Lm1).

Semghet il-provi,

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti ta' dana l-kaz huma s-segwenti. L-imputat Saviour Tabone huwa sid il-fond Poultry Farm, Triq ix-Xaghri, Kercem, Ghawdex, liema fond jikkonsisti f'razzett tat-tigieg li fih diversi kmamar imxerrdin madwar dana l-istess fond. Il-meter tad-dawl kien jinstab f'kamra zghira fil-bidu tal-fond li kienet tintuza bhala *meter room*. Dana l-meter tad-dawl kien wiehed three phase tal-marka Krizik bin-numru 6569821, is-sena tal-manifattura tieghu hija l-1995. Jirrizulta illi l-bieb ta' dina l-kamra kien jinghalaq izda ma kienx jissakkar. Fiz-zmien illi saret l-inkjesta magisterjali jidher illi l-imputat kien ilu madwar tlett snin f'dan il-post li qabel kien jintuza bhala karma tan-nar. Izda l-meter tad-dawl twahhal meta xtara l-post hu. Jidher illi ftit wara madanakollu l-imputat biegh dana il-farm. Il-kuntratt ta' bejgh sar fl-1 ta' Awissu 2005[1] u sar it-transfer tas-servizz. Illi qabel dana huwa hallas il-kontijiet kollha pendenti li kellu. Illi skond ix-xhieda ta' Alan Chetcuti, rapprezentant tal-Enemalta, jidher illi t-transfer tas-servizz fil-fatt sar fit-13 ta' Ottubru 2006 ghal fuq isem certu Joseph Portelli.[2]

---

[1] Ara Dokument SM1 a fol.69 et. Seq.
[2] Ara xhieda a fol.72

Illi l-espert nominat mill-inkwirenti, fl-atti tal-inkjesta, Dr. Kevin Mompalao, li kkonferma r-rapport tieghu f'dawn il-proceduri jghid illi minn ezami tal-meter in kwistjoni rrizulta illi l-irregolarita' principali kienet tikkonsisti fil-fatt illi s-sigill ta' fuq kien maqtugh b'mod illi l-vit ta' mieghu seta' jinhall facilment bil-konsegwenza li l-cover tal-meter setghet titbexxaq minn fuq u wiehed ikollu access ghall-apparat tal-meter. L-espert jikkonkludi:
" B'access ghall-apparat tal-meter facilment seta jinsteraq kurrent elettriku b'diversi modi, fosthom billi tigi imwaqqfa jew slowjata d-diska, jigu varjati il-calibration screws, jigu stallati jew slowjati ir-roti tal-meter, tigi affetwata l-magnetism tal-meter, u hafna modi ohra illi kollha setghu isiru minn l-ispajzu li kien isehh meta kienet titbexxaq il-cover tal-meter odjern min-naha ta' fuq taghha." Ikompli jzid illi peress illi fuq il-meter u anke gewwa kien hemm hafna trab u debris, jidher illi l-cover tal-meter mhux biss infetah izda ghal zmien thalla miftuh.

Jikkonstata illi l-hsara subita u cioe' is-sigilli maqtugh u t-tindif tal-meter fuq gewwa ma jeccedux il-Lm1.

Illi fil-fatt ix-xhieda Mario Pavia, Mario Xerri u Mark Said li kienu l-haddiema tal-Enemalta li marru fuq il-post kollha jikkonfermaw illi l-irregolarita' kienet fis-sens illi l-cover seta' jinqala' facilment minghajr ma jkun hemm bzonn li jinhallu l-viti u s-sigilli u li kien proprju minhabba f'dana illi kien hemm suspett illi kien qed isir serq tal-kurrent tal-elettriku.

Illi l-imputat min-naha tieghu jichad kategorikament illi huwa qatt mess dana l-meter. Isostni illi l-kamra fejn jinzamm il-meter kienet tkun miftuha u ghalhekk accessibbli ghal kulhadd. Fil-fatt ighid illi gieli anke sab affarijiet neqsin. Madankollu ma jaghtix spjegazzjoni plawsibbli ghad-diskrepanzi fil-qari tal-meter minn meta dana gie fil-pussess tieghu. Fil-fatt mid-Dokument a fol.51 tal-process esebit minn Alan Chetcuti jirrizulta illi fil-perijodu bejn Ottubru 1998 sa Lulju 2005, il-konsum kien

wiehed irregolari. Dana l-perijdu taz-zmien ikopri ukoll iz-zmien meta l-meter ma kienx irregistrat fuq l-imputat.

Illi ghaldaqstant fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk effettivament il-meter de quo kienx imbaghbas o meno, il-korp tal-provi tal-prosekuzzjoni jikkonsisti principalment jekk mhux unikament mir-rizultanzi tal-inkjesta. Illi ghalkemm fir-rapport tieghu l-espert Dr. Kevin Mompalao jghid illi kien hemm l-irregolaritajiet indikati iktar ’il fuq madanakollu huwa ma setax jikkonkludi jekk verament kienx hemm serq tad-dawl u jindika diversi supposizzjonijiet ta’ kif fil-fatt stabbilit illi l-cover tal-meter kien jinqala’ facilment, l-imputat seta’ ikkommetta s-serq in kwistjoni. Ma ngiebet l-ebda prova ohra li tindika illi dana verament sehh b’xi wiehed jew aktar mill-modi li jsemmi l-espert fir-rapport tieghu.

Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad testwalment:

“ Fil-kaz ta’ ksur ta’ kanni tas-servizz pubbliku ta’ l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-ilma, gass jew kurrent ta’ l-elettriku, jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f’idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-uzu jew konsum ta’ ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz.”

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f’sentenza moghtija fis-16 ta’ Lulju 1990 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela, bhala “presunzjoni feroci” u kompliet tghid: “La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b’mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar.”

Issa l-fatt illi s-sigill ta' fuq kien miksur sabiex ghalhekk il-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala facilment kif ukoll il-fatt li kien hemm it-trab fuq gewwa tal-meter tad-dawl ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il-kaz. Illi l-imputat kien ilu fil-pussess ta' dana l-fond madwar tlett snin qabel ma sehh dana l-allegat fatt, meta gie installat dana l-meter tad-dawl. Jidher illi kien hu stess illi kien baghat ghall-haddiema tal-Enemalta minhabba xi hsara li kellu. Inoltre mid-dokumenti esebiti minn Alan Chetcuti li jindikaw il-konsum sa mis-sena 1998, jidher illi l-konsum kien diga wiehed irregolari u dana qabel ma l-fond gie fil-pussess tal-imputat.

Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata "din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett." Illi ghalkemm jista' jkun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------